



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 50/24

il-Lussemburgu, 21 ta' Marzu 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-61/22 | Landeshauptstadt Wiesbaden

L-inklużjoni obligatorja fil-karti tal-identità ta' żewġ marki tas-swaba' hija kompatibbli mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali

Madankollu, peress li r-Regolament li jipprevedi din il-miżura ġie adottat fuq bażi legali żbaljata, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjarah invalidu filwaqt li żżomm l-effetti tiegħu sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026 sabiex il-leġiżlatur Ewropew ikun jista' jadotta regolament ġdid fuq il-bażi legali korretta

L-inklużjoni obligatorja fil-karti tal-identità ta' żewġ marki tas-swaba' hija kompatibbli mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali. Din hija ġġustifikata mill-għanijiet tal-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità kif ukoll sabiex tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara r-Regolament li jipprevedi din il-miżura invalidu minħabba l-fatt li ġie adottat fuq il-bażi legali żbaljata u, konsegwentement, skont il-proċedura leġiżlattiva żbaljata. Minħabba l-konsegwenzi negattivi serji li jista' jkollha invalidazzjoni b'effett immedjat, il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tar-Regolament sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, sad-dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid.

Ċittadin Ġermaniż ikkontesta quddiem qorti Ġermaniża r-rifjut tal-belt ta' Wiesbaden li tinħariġlu karta tal-identità ġdida mingħajr l-inklużjoni tal-marki tas-swaba' tiegħu.

Il-Qorti Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika l-validità tar-Regolament tal-Unjoni li jipprevedi l-obbligu li żewġ marki tas-swaba' jiġu inklużi fil-mezzi ta' ħażna tal-karti tal-identità ¹.

Wara eżami fil-fond, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-obbligu li jiddaħħlu żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezzi ta' ħażna tal-karti tal-identità jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali**, iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, din l-inklużjoni hija ġġustifikata mill-għanijiet ta' interess ġenerali tal-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità kif ukoll sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika. Fil-fatt, hija adatta u neċessarja għat-tweqqif ta' dawn l-għanijiet u ma hijiex sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet.

B'mod partikolari, sal-punt li hija tagħmel possibbli l-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità, l-inklużjoni ta' żewġ marki tas-swaba' hija ta' natura li tikkontribwixxi kemm għall-protezzjoni tal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati kif ukoll, b'mod iktar wiesa', għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu. Barra minn hekk, billi tippermetti liċ-ċittadini ta'Unjoni jidentifikaw ruħhom b'mod affidabbli, hija tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom ta' libertà ta' moviment u ta' residenza fl-Unjoni Ewropea. L-għanijiet imfittxija permezz ta' din l-inklużjoni għandhom għalhekk importanza partikolari mhux biss għall-Unjoni u għall-Istati Membri, iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

Is-sempliċi inklużjoni ta' immaġni tal-wiċċ tikkostitwixxi mezz ta' identifikazzjoni inqas effettiv minn dak, minbarra din l-immaġni, ta' żewġ marki tas-swaba'. Fil-fatt, ix-xjuħija, il-mod ta' ħajja, il-mard jew intervent kirurġiku jistgħu ibiddlu l-karatteristiċi anatomiċi tal-wiċċ.

Minn naħa l-oħra, **ir-regolament** inkwistjoni **ġie adottat fuq bażi legali żbaljata**² u, bħala konsegwenza, skont il-proċedura leġiżlattiva żbaljata, jiġifieri skont il-proċedura ordinarja minflok proċedura leġiżlattiva speċjali li teħtieġ b'mod partikolari vot unanimu fil-Kunsill. **Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tiddikjara r-regolament invalidu.**

Madankollu, **l-invalidità tar-regolament b'effett immedjat tista' tipproduċi konsegwenzi negattivi serji għal numru kbir ta' ċittadini tal-Unjoni, u għas-sigurtà tagħhom** fl-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. **Għal din ir-raġuni, l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-effetti tar-regolament sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli u mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, ta' regolament ġdid, ibbażat fuq il-bażi legali korretta.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2019/1157](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

² Fil-fatt, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw dan ir-regolament abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE, dwar id-dritt taċ-ċittadini Ewropej ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri. Il-bażi legali korretta hija madankollu d-dispożizzjoni iktar speċifika tal-Artikolu 77(3) TFUE, dwar l-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'mod iktar preċiż, il-politika dwar kontrolli fil-fruntieri, l-[asil](#) u l-immigrazzjoni. Din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi proċedura leġiżlattiva speċjali u b'mod partikolari vot unanimu fil-Kunsill.